# L-Istatwa ta' San Ġużepp fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan

Joseph C. Camilleri BA, DEAM, M. ED

Fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata f'Ħal Balzan hemm diversi statwi proċessjonali. Insibu l-istatwa titulari, dik ta' Marija Annunzjata jew aħjar kif inhi magħrufa f'Malta bħala tal-Lunzjata. Hemm ukoll statwi sekondarji bħal dik tar-Rużarju u tad-Duluri. Hemm ukoll statwi żgħar li ma joħorġux fil-purċissjonijiet. Waħda minn dawn hija dik ta' San Ġużepp, merfugħa f'niċċa f'wieħed mill-kappelluni tal-Knisja Parrokkjali.

## L-artist

L-istatwa ta' San Ġużepp saret min id Karlu Darmanin, magħrufa l-aktar bħala l-prinċep tal-istatwarji. Karlu twieled l-Isla fit-30 t'Awwissu 1825 mill-marmista Guiseppe u Maria xebba Cumbo. Hu tgħammed l-għada li twieled minn Dun Fortunat Costù li kien il-viċi parrokku u Dekan tal-Bażilika ta' Marija Bambina tal-Isla. Il-parrinijiet tiegħu kienu Vincenz Cumbo li kien hu ommu u Marija Farrugia li kienet mart Karlu, it-tnejn kienu mill-Belt Valletta. It-tifel kien imsejjaħ Karlu, għar-raġel ta' parrinietu. Dan Karlu Farrugia kien aktarx is-sekond kugin ta' omm Karlu. Skont ir-riċerka li kien għamel Dr Vella l-bużnannu ta' Karlu kien ċertu wieħed Isidor Cumbo li kien miżżewweġ lil Roża Farrugia.

Il-familja Darmanin kien fiha diversi wlied. Skont ir-riċerka ta' Dr Vella kien hemm fost l-oħrajn Filippu, Marija Karmela, Maddalena u Ġanni. Dan tal-aħħar kien skultur u kien jaħdem ma' Karlu u missierhom Ġużeppi fid-ditta tal-familja *Guiseppe Darmanin e Figli*. Ma nafux ħafna fuq il-ħajja ta' Karlu iżda nafu li billi missieru kien bniedem tas-sengħa u Karlu tgħallem l-arti taħt għajnejn missieru – Maestro Guiseppe. Marija, oħt Karlu kienet xebba mill-isbaħ u kienet isservi ta' mudella għall-figuri tal-anġli u nisa qaddisin. Karlu jew Karluzzu, kien twieled f'familja ta' artisti, kollha jaħdmu fil-belt tal-Isla. Huma kienu jaħdmu l-oġġetti tal-irħam għall-knejjes u djar. Fost ix-xogħol li kienu jagħmlu hemm il-lapidi. Kienu wkoll bdew jaħdmu figuri u statwi magħmulin mill-kartapesta.

Karlu kien iżżewweġ lil Anetta Ready, tfajla Skoċċiża li kienet toqgħod f'Ħal Għaxaq. Ma nafux eżatt meta u fejn iżżewweġ Karlu. Nafu wkoll li huma żżewġu qabel is-sena 1849. L-ewwel tarbija kienet twieldet f'dik is-sena fl-Isla sewwa sew f'174-176 Triq il-Vitorja. F'xi żmien wara ż-żwieġ il-koppja Darmanin marret toqgħod fi Triq Irjali San Ġużepp li f'dawk iż-żminijiet kienet tagħmel parti mill-Ħamrun. Ulied Karlu u Anetta kienu bosta. Skont Dr Vella dawn kienu Emanuel, Franġisku, Marija Karmela, Ġużeppi, Cesare, Ġużeppi (forsi l-ewwel Ġużeppi kien miet) Giovanni, Guliermu, Ġerardu, Marija Ġosefa, Marija Vittorja, Franġiska, Enriku, Luċija, Renaldu u Marija Karmela (forsi hawn ukoll l-ewwel Marija Karmela kienet mietet). Biswit id-dar kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu. Skont ir-riċerkatur Sandro Debono, Karlu Darmanin kellu karattru ta' bniedem kwiet u ġentili. Hu kien rispettat minn kulħadd u kien kunsidrat ta' ħila kbir.

Hu miet hemm nhar is-26 ta' Novembru 1909. L-att tal-mewt tiegħu jgħarrafna li martu kienet mietet qabel. Jgħarrafna wkoll li Karlu ndifen fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Skont il-gurnal *Malta* fil-ħarġa tad-29 ta' Novembru 1909 nafu li Karlu Darmanin miet wara li kien ilu żmien twil ibati minn marda qalila. Indifen fil-qabar tal-Fratellanza tat-Trinità tal-Isla billi hu kien fratell ta' din il-fratellanza. Anetta kienet mietet qablu fit-23 t' Awwissu 1897.

## Sfond artistiku f'Malta

Meta Karlu Darmanin beda jaħdem bil-kartapesta, l-ambjent artistiku Malti ma tantx kien favuriha. Wieħed mill-aqwa skulturi Maltin kien Mariano Gerada (1771-1823). Dan kien jemmen li l-kartapesta kienet materjal inferjuri għall-injam. F'dawk iż-żminijiet il-kartapesta kienet diġà daħlet f'Malta. Aktarx kien Saverio Laferla li daħħalha f'Malta. Dan l-iskultur ħadem, bejn is-snin 1737 u 1742 sett ta' vari tal-passjoni għall-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri tal-Belt Valletta (magħrufa bħalha l-patrijiet ta' Ġieżu). Qabel ix-xogħlijiet ta' Laferla kien saru diversi xogħlijiet tal-kartapesta bħal xi vari għall-knisja matriċi t'Għawdex fl-1700.

Meta Karlu beda jaħdem fil-kartapesta x-xena Maltija kienet għadha maħkuma minn skulturi li kienu jużaw l-injam. Insemmu fost l-oħrajn lil Mastru Salv Dimech, Mastru Anton Busuttil, Salvatore Dimech (is-Sarċ), Antonio Chircop, Mastru Pepp jew aħjar Ġużeppi Vella. Kien hemm ukoll l-istudenti ta' Mariano Gerada – bħal Pietro Paolo Azzopardi. Kien hemm ukoll artisti li bdew jużaw il-kartapesta. Hawn insemmu lil Ġanni Darmanin, li kien jiġi ħuh. Insemmu wkoll in-neputi tiegħu Ġlormu Darmanin. L-iżda l-aqwa rival tiegħu

kien ħadd ħlief Vincenzo Cremona (1851-1912). Minn id Cremona ħarġu ħafna u ħafna xogħlijiet u kważi f'kull belt u f'kull raħal għadna niltaqgħu ma' statwi tal-kartapesta maħduma minnu.

Rival kbir, statwarju tal-kartapesta, kien Ċensu Cremona. Ma' dan wieħed jista' jsemmi lil Dun Ġwann Camilleri li għalkemm ma kienx joħloq statwi u vari kien beda d-drawwa li jimporta statwi tal-kartapesta minn Franza. Dan il-qassis meta kien kappillan daħħal statwi titulari ta' dawn il-parroċċi Għawdxin: iż-Żebbuġ, ix-Xagħra u n-Nadur. Bil-mod il-mod ħafna parroċċi Għawdxin bdew jimxu fuq il-passi ta' Dun Ġwann Camilleri u minflok jordnaw statwa tal-kartapesta mingħand Karlu Darmanin jew Ċensu Cremona bdew jordnawhom minn Franza.



L-istatwa ta' San Ġużepp.

## L-Ewwel xogħlijiet

L-ewwel xogħol tiegħu kienet id-Duluri għall-purċissjoni ta' Ħal Għaxaq. Din saret fis-sena 1851. Karlu stess irregalaha lill-Knisja Parrokkjali. Ta' min jgħid li Karlu sar midħla sewwa ta' dan ir-raħal billi Anetta kienet toqgħod hemm, tant li Karlu żżewweġ lil Anetta tliet snin qabel ma ħadem din l-ewwel vara. Skont Sandro Debono 'Diffiċli biex nifhem kif kienet din l-istatwa ta' Carlo Darmanin għax jidher li fl-1901 setgħet ġiet rinovata jew mibdula ma' oħra xogħol l-istess skultur.'

Fuq il-vara tad-Duluri preżenti hemm pjanċa nwaħħla mal-pedistall li nsibu fiha s-sena 1909, is-sena li fiha Karlu Darmanin miet. Skont ir-riċerka ta' Sandro Debono, id-Duluri ta' Karlu Darmanin saret għall-festa tad-Duluri li kienet issir fix-xahar ta' Settembru.

It-tieni statwa ta' Karlu Darmanin kienet il-Madonna tar-Rużarju. Din saret fl-1860 għall-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Qormi (San Ġorġ). Il-fratelli ħallsu din l-istatwa mill-ġbir ta' bejniethom. Hemm qabża bejn l-ewwel u t-tieni statwa. Għaliex? Kien żmien iebes għal Karlu Darmanin sakemm isib il-klijenti? Il-kartapesta kienet għada mhux popolari? It-tielet statwa kienet ukoll statwa Marjana. Din kienet l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura li kienet ikkummissjonata mill-fratelli tal-fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura tal-knisja tal-patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta. Skont ir-riċerka ta' Sandro Debono l-artist tagħha kien Carlo Darmanin li kien deskritt bħala Marmoraro (Marmista). Karlu kellu jmexxi x-xogħol taħt il-gwida tal-pittur Salvatore Barbara.

## Statwi oħra

L-istatwa ewlenija li ġabet fama lil Karlu Darmanin kienet l-istatwa titulari ta' Ħal Lija – is-Salvatur. Din saret fl-1864. Għall-ewwel l-istatwa kellha ssir b'sitt figuri – Ġesù, Mosè, Elija, San Ġwann, San Pietru u San Ġakbu. L-abbozz oriġinali kien xtrah Nicolas Paul Sammut għas-somma ta' għaxar liri tad-deheb mingħand l-iskultur innifsu. Wara, dan għadda għand Dun Edwin Sammut u għand Ritchie Vella Laurenti. B'dan l-abbozz Karlu Darmanin kien rebaħ il-konkors biex issir l-istatwa tas-Salvatur. L-istatwa kellha tiċċekken u saret tliet figuri.

Il-vara swiet mitt lira. Sar abbozz ieħor li llum jinsab fil-Mużew tal-Knisja ta' Ħal Lija. In-nies ta' Ħal Lija kienu niżlu l-Isla biex iġibuha bil-mixi mgħottija b'liżar abjad. Karlu kien ħoloq tliet figuri tal-kartapesta biex iżejnu z-zuntier tal-knisja. Tnejn jittoppew fuq iz-zuntier u l-ieħor quddiem iz-zuntier. Dawn jippreżentaw it-tliet appostli. Meta tinħareġ l-istatwa titulari n-nies li jkunu miġbura hemm tkun tista' tifhem aħjar it-Trasfigurazzjoni billi permezz

ta' dawn it-tliet figuri l-folla ssib ruħha madwar din il-ġrajja hekk kbira.

L-istatwa tas-Salvatur ġabet ħafna statwi anke titulari oħra. Insibu lil San Ġejtanu għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħamrun. Din saret madwar l-1882. Din l-istatwa qamet mitt skud (xi €25). Il-parti l-kbira ta' dawn il-flus ġew miġbura mill-ħaddiema tax-Xatt li kienu joqogħdu minn Pjazza San Pawl 'l isfel, l-iżjed parti popolari tal-Ħamrun f'dawk iż-żminijiet. Ta' min jgħid li Karlu Darmanin kellu jibdel kemm-il darba l-abbozz sakemm intgħoġob. Skont l-għajdut wiċċ il-Madonna ġie mmudellat fuq wiċċ il-mara ta' Karlu li kienet ta' ġmiel li jsaħħrek. Karlu kien iħobbha u jirrispettaha hekk li ried jimmortalizzaha f'xi xogħlijiet monumentali tiegħu. Wiċċ San Ġejtanu serva ta' mudell għall-wiċċ tal-vara ta' Ġuda (it-Tradiment) li tinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Qormi.

L-istatwa ta' San Ġiljan għal-lokalità tal-istess isem saret fl-1893. Ħallas għaliha s-Sur Salvu Mattei u swiet 26 liri. Din l-istatwa waslet it-13 ta' Awwissu 1893. L-istatwa tbierket mill-Viġarju Ġenerali wara li twasslet fil-knisja. Hemm diversi abbozzi ta' din l-istatwa. Hemm wieħed fil-knisja ta' Lapsi f'San Ġiljan. Hemm ieħor għand il-familja tal-Markiż Scicluna (iċ-Ċisk) talli ħallas għat-tkabbir tal-bieb ewlieni biex tgħaddi l-istatwa. Hemm ieħor fil-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan.

Barra dawn l-istatwi titulari għamel ukoll dik ta' San Anard Għal Ħal Kirkop fl-1877 u Santa Margerita għas-Sannat fl-1863. Sew l-istatwa ta' San Anard u sew ta' Santa Margerita tbiddlu ma' statwi oħra. Dr Horatio Caesar Roger Vella kiteb hekk dwar l-istatwa ta' San Leonardu: "Jidher ċar li min ordna l-istatwa l-ġdida li hemm fin-niċċa, ipprova jżomm kemm il-karatteristiċi u kemm il-fattizzi tal-istatwa ta' qabel... San Leonardu ta' Karlu Darmanin, bħall-istatwi l-oħra tiegħu, juri ċertu moviment, espressa f'dik il-kemxejn ta' tidwira tal-ġisem lejn il-lemin, waqt li wiċċu hu ftit aktar espressiv."

L-istatwa ta' Santa Margerita ġiet ordnata minn Dun Franġisk Borg il-kappillan ta' Sannat. Kienet lesta fl-1863 u saret minn żokk ta' siġra. Damet sas-sena 1890 sakemm wieħed membru tal-kleru sab oġġezzjoni li l-istatwa ma tantx kienet tixraq f'dar il-Mulej minħabba lbiesha. Fl-1890 saret statwa oħra fuq ordni tal-isqof. L-istatwa twarrbet f'parti tal-knisja sakemm ħelsu minnha.

## Vari tal-passjoni

Karlu Darmanin ħadem ukoll numru sabiħ tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Hu ħadem 5 vari għall-Mosta. Dawn saru bejn is-snin 1866 u 1895. Ħadem ukoll 3 (forsi 4) vari għal Bormla u xi vari oħra għal Ħal Qormi, Rabat (Malta), iż-Żejtun, il-Birgu u Ħal Għaxaq. Ħadem l-anġli għall-Monument tal-Belt Valletta u Ħal Luqa.

L-aktar tliet vari importanti li kien għamel huma l-Ort (1978) għal Bormla, il-Veronika għall-Mosta (1895) u t-Tradiment għal Ħal Qormi. Il-vara Mostija tal-Veronika saret fl-1895 u qamet 22 lira. Ħadet post vara oħra ta' Karlu Darmanin. Skont Albert Micallef, Karlu Darmanin mexa fuq ir-revelazzjoni tal-mistika Ġermaniża Catherine Emerich. Għalhekk mal-figura tal-Veronika Karlu daħħal ukoll figura ta' tifla b'bomblu tal-fuħħar. L-influwenza ta' din it-tip ta' vara nsibuha fil-Għargħur (Renzo Gauci, 1993), Għaxaq daħħlu tifla (Michael Bonnici) mal-figura tal-Veronika (Peppi Vella, 1994 ) u Nadur (figura ta' tifla ta' Michael Camilleri Cauchi).

Kien Karlu Darmanin li daħħal il-vara tat-Tradiment (ta' Ġuda) fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta meta saret waħda għal Ħal Qormi. Dan seħħ fl-1908 sena qabel ma miet. Din saret mill-flus l-aħwa Coleiro – Ġanni u Ġużeppi. Meta saret din il-vara qamet diċerija li din il-vara saret għall-purċissjoni tal-Mosta. Il-wiċċ ta' Kristu hu simili mal-wiċċ ta' Kristu fl-istatwa tas-Salvatur ta' Ħal Lija. Wiċċ Ġuda hu simili mal-wiċċ ta' San Ġejtanu. Jekk wieħed iqabbel il-figuri jsib li dawk ta' Ħal Qormi jaqblu sew ma' din il-vara waqt li tal-Mosta le. Din baqgħet l-uniku vara tat-tip tagħha sas-sena 1961 meta ż-Żejtun daħħal din it-tip ta' vara mas-sett tiegħu. Insibu din it-tip ta' vara f'Bormla u f'Ħal Luqa, kif ukoll f'Ħaż-Żebbuġ, il-Mosta, in-Naxxar, ir-Rabat (Malta), u r-Raħal Ġdid.

L-Ort li kien għamel Karlu Darmanin għall-Bormla hu wkoll speċjali. Albert Micallef jgħid li fost affarijiet li fiha din il-vara nsibu li l-figuri għandhom studju tajjeb anatomiku. Il-figuri joħorġu aktar permess tal-piegi tad-drapp. Carmel Galea Scannura hu tal-fehma li din il-vara hija meqjusa bħala kapolavur. Din il-vara fiha l-figura ta' Kristu u żewġ anġli. Il-fatt li fiha żewġ anġli minflok wieħed turi mixja 'l quddiem mill-vara tradizzjonali. Wara saret l-Ort ta' Ħal Qormi li fiha wkoll żewġ anġli. Hawn min jgħid li hija ta' Karlu Darmanin u hawn min hu tal-fehma li hi tar-rival ewlieni tiegħu Ċensu Cremona. Influwenza ta' din it-tip ta' vara nsibu fis-sett tal-katidral t'Għawdex.

## Statwi għat-toroq

Karlu Darmanin ħadem numru kbir ta' figuri ta' qaddisin u anġli għat-toroq u msierаħ ta' Malta. Dawn il-figuri jservu biex iżejnu t-triqat f'jum ta' festi fil-bliet u rħula. Uliedu kienu aktarx iservu ta' mudelli għal dawn il-figuri l-aktar għall-anġli. Fost l-aqwa statwi tat-toroq ta' Karlu Darmanin insibu Malta Rebbieħa fuq kolonna b'erba' figuri oħra. Hemm ukoll il-grupp tat-Tieġ tal-Madonna li wieħed jista' jarah fil-festa tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien. Fl-aħħar nett insemmu l-figuri ta' Profirio u Faustina għall-festa ta' Santa Katarina taż-Żejtun.

## Ħaġa unika

Għal Ħal Qormi ħadem il-figura tal-Anġlu tal-Blandun. Minflok gandlier iżomm il-blandun ħoloq figura ta' anġlu. L-idea kienet ta' Ġorġ Cachia magħruf bħala l-Botna. Iżżanżan għall-festa ta' San Ġorġ tas-sena 1884.

## Għaliex dan is-suċċess?

L-istatwi ta' Karlu Darmanin fihom grazzja kbira fil-wiċċ kif ukoll fl-espressjoni. Barra minn hekk, il-poża tal-figuri hija waħda ta' devozzjoni. Iżda l-aktar ħaġa sabiħa fl-istatwi tiegħu hu t-tqassim tad-drapp. Dan it-tqassim fih piegi naturali. B'hekk il-vari u l-istatwi kienu jinżlu tajjeb sew mal-kleru u sew mad-devoti. Il-vari kienu saru popolari fost il-poplu tant li ħarġet idjoma li biha wieħed juri l-apprezzament tiegħu lejn persuna sabiha billi jgħid: 'Qisek vara ta' Darmanin'.

## Marmista

Karlu Darmanin aktarx baqa' jaħdem ta' marmista anke wara li kiseb il-fama tal-aqwa skultur tal-kartapesta. Tant li fis-sena 1983 hu ħadem l-istatwa titulari ta' Ħal Lija (is-Salvatur). Tliet snin wara hu ħadem il-fonti tal-magħmudija tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Bħala marmista hu ħadem lapidi tal-irħam kif ukoll artali u anke wrieħ tal-imwejjed li kienu jkunu tal-irħam. Skont ir-riċerka ta' Sandro Debono, bosta minn dawn imwejjed spiċċaw mixtriha minn uffiċjali tas-servizzi Ingliżi li kienu stazzjonati f'Malta. Waħda minn dawn l-imwejjed spiċċat għand ditta tal-antikitajiet, Sparks Antiques. Sandro Debono jikteb hekk: 'Skrizzjoni fuq ix-xifer minn taħt tgħid hekk: *Queste tavole si fanno in Malta nella Valletta Strada Levante No 45 da Giuseppe Darmanin la Presente e fatta da Salvatore suo figlio 1833*. (Dawn l-imwejjed huma magħmula Malta fil-Belt Valletta Triq il-Lvant numru 45 għand Giuseppe Darmanin il-preżenti u magħmula minn Salvatore ibnu 1833).

Skont ir-riċerka ta' Dun Ġużepp Micallef ix-xogħol tal-irħam fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa sar mid-ditta tal-aħwa Darmanin. Id-disinji ta' dawn l-oġġetti sar minn Giovanni u nħadmu bejn is-snin 1838-1841. Dun Ġużepp Micallef jgħid hekk: *Hareġ biċċa xogħol tassew sabiħa li ġiet imfaħħra sew għad-disinn kemm għall-irħam minn ħafna li kienu jifhmu fl-arti*. L-aħwa Darmanin għamlu wkoll il-fonti tal-Magħmudija fis-sena 1853. Is-suċċess ta' din il-familja fil-qasam tal-irħam ġab aktar xogħol fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa tant li bejn 1870-77 l-istess nies ħadmu l-irħam tal-paviment tal-presbiterju u tal-kor. Skont l-istudjuż Sandro Debono, id-disinji tal-oġġetti li l-familja Darmanin kienu jagħmlu mill-irħam kienu jsiru mill-artist Giuseppe Calleja.

## Allievi

Karlu Darmanin ħadem fuq li ħadem u ta numru kbir ta' statwi, u vari lill-knejjes u lill-festi Maltin. Biex għamel dan kollu kellu l-għajnuna u l-apprendisti tiegħu saru artisti. Insibu bosta skulturi



**Xena sabiħa tal-Lunzjata minn wara, bl-istatwa ta' Ġuditta prominenti wkoll. Din l-istatwa saret mill-istatwarju Vincenzo Cremona, rival ta' Karlu Darmanin.**

li mill-ħanut tiegħu saru magħrufa. Insemmu lil Carmelo Mallia magħruf bħala l-Lhudi. Dan ħadem żewġ statwi titulari – ta' Santa Venera u ta' San Pawl il-Baħar. Il-Lhudi għallem lil Ġlormu Dingli. Fil-ħanut ta' Karlu Darmanin kien hemm ukoll Abram Gatt, Cesare Darmanin (ibnu), Ġerolamu Darmanin (neputih), Giovanni u Ġilju Darmanin (ħutu).

## Karlu Darmanin f'Ħal Balzan

Tista' tgħid kull parroċċa ta' dawk iż-żminijiet ordnat xi statwa, vara jew statwi għat-tiżjin ta' barra mingħand Karlu Darmanin. Fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata hemm statwa żgħira ta' San Ġużepp. Din tinżamm f'niċċa f'wieħed mill-kappelluni tal-knisja. Skont l-istudjuż Mons. Dun Ġwann Dimech din saret fl-1825, ħaġa li ma jistax ikun għax f'dik is-sena Karlu twieled. Għaliex il-poplu Balzani inkluda din it-tip ta' statwa? Fil-Parroċċa Balzanija kien hemm diġà l-kult lejn dan il-qaddis.

L-istess Dimech jgħidilna li fuq l-artal tal-isem Imqaddes ta' Ġesù kienet issir il-festa tat-Transitu ta' San Ġużepp. Ġeneralment din il-festa kienet issir fl-21 ta' Lulju bi Primi Vespri u Quddiesa Kantata. Maż-żmien il-kult lejn San Ġużepp kiber tant li dan l-artal tbiddel u ġie ddedikat lil dan il-qaddis. L-artal ta' San Ġużepp li jinsab fuq in-naħa tal-lemin int u dieħel fil-knisja parrokkjali, hu miksi bl-irħam. Dan sar a spejjeż Vincenzo Brincat. Il-pittura tal-artal hi xogħol iben Ġużeppi Calì Ramiro. Din l-opra tal-arti qamet 20 lira u tħallset fit-30 ta' Marazu 1936.

L-istatwa hija waħda żgħira. Naraw il-figura ta' San Ġużepp bl-ilbies u lwien tradizzjonali – il-kannella u isfar skur. Hija statwa karatteristika ta' Karlu Darmanin. Tixbah ħafna lill-istatwa ta' dan l-istess qaddis li tinsab fil-knisja l-qadima ta' Santa Venera f'Santa Venera. Hawn naraw San Ġużepp żagħżugħ. Rasu mimlija xahar. Din il-ħaġa hi rari fil-kuntest Malti. Is-soltu naraw lil San Ġużepp bħala wieħed xiħ bil-qargħa.

Il-qaddis qed jerfa' lill-Bambin. Waħda mill-idejn tal-Bambin tinsab madwar għonq San Ġużepp. Għalkemm San Ġużepp mhux qed iħares lejn il-Bambin hemm relazzjoni qawwija bejn dawn iż-żewġ figuri. Il-ħarsa ta' San Ġużepp tinsab lejn id-devoti li qed iħarsu lejh biex jitolbu. Iżda ras il-qaddis tinsab imxaqilba lejn il-Bambin. Din il-poża hi ferm importanti għal din l-istatwa. Din turi l-imħabba paterna li kellu dan il-missier protettiv. Sieq il-qaddis tidher mill-piegi tal-ħwejjeġ. Ma hemmx poża qawwija u din tagħti ċertu atmosfera kalma lill-istatwa.

Il-Bambin hu wieħed żgħir iżda fuq tiegħu. Id waħda ddur ma' għonq San Ġużepp u id oħra, li għandha poża naturali kemm jista' jkun b'suba' wieħed qed jirriferi lejn il-qaddis. Il-ħarsa tiegħu hija lejn id-devoti li jinsabu mal-ġenb tal-istatwa. Dan is-suba' hu l-ħolqa ewlenija ta' din l-istatwa. Li kieku ma kienx hemm din il-poża l-istatwa tista' tkun iddedikata lill-Bambin Ġesù. L-ilbies joħorġu l-figuri tal-istatwa – kemm il-Bambin u kemm San Ġużepp. F'din l-istatwa naraw il-bastun li għalkemm jinsab biswit il-qaddis ma għandux l-ebda sehem ewlieni fl-istatwa. Ir-rowl tal-bastun hu bħala simbolu u xejn iżjed. Hi statwa ħelwa ta' missier żgħir fl-etá.

## Folklor

Statwa li ilha żmien żemżem u li daħlet fil-qalb tan-nies u bniet magħha patrimonju popolari fost il-parruċċani. Skont il-kittieb Mons. Dimech din l-istatwa ttieħdet f'Bormla biex tiġi restawrata minn statwarju. Dimech ma jitkellemx iżjed. Min hu dan? X'għamel fuq l-istatwa? Għaliex kellu jagħmel dawn l-arranġamenti? Min-naħa ta' Mons. Dimech hemm skiet sħiħ.

Aspett ieħor tal-folklor hu li l-istatwa titqiegħed fuq il-presbiterju darbtejn fis-sena. L-ewwel darba nhar id-19 ta' Marzu, Jum San Ġużepp u fl-1 ta' Mejju f'Jum San Ġużepp Ħaddiem. Din l-istatwa ma toħroġx purċissjoni.

**REFERENZI:**


Eugene F. Montanaro: "L-Istatwarju Carlo Darmanin (1825-1909)", Programm tal-Festa Madonna tal-Lourdes, il-Qrendi, 1988.

Horatio Caesar Roger Vella: "Karlu Darmanin u Ħal Kirkop", Għaqda Mużikali San Lenardu, Ħal Kirkop, Festa 1998.

Sandro Debono: "Carlo Darmanin marmista u skultur fil-kartapesta, ħsibijiet u osservazzjonijiet f'għeluq il-mitt sena mill-mewt", Festa Marija Bambina, Senglea – 2009.

Dun Ġużepp Micallef: *Ħal Luqa – Niesha u Ġrajjietha*, Malta, 1975.

Winston L. Zammit: "Dun Ġużepp Xerri, l-ewwel kappillan ta' San Ġiljan f'għeluq l-ewwel ċentinarju mill-mewt tiegħu", St Julian's Parish Book Centre, San Ġiljan, Malta 1997.

Joseph Bezzina: *Parish Titular Statues in Gozo*, Gaulitana Nru 5, Bugelli, 1987.

Albert Micallef: "Carlo Darmanin (1825-1909) – Malta's foremost statuary, *The Sunday Times*, 23-XII-1979.

Kav. Rafel Bonnici Calì: "Artisti li niftakar (numru 42)", *Leħen is-Sewwa*, 19-V-1984.

Guido Lanfranco: *L-istatwi titulari u l-istatwarji tagħhom*, Klabb Kotba Maltin, Malta 1999.

Mario Buhagiar (Editur), *St Catherine of Alexandria, her churches, paintings and statues in the Maltese Island*, St Catherine Musical Society (Żurrieq) – Żejtun Parish Council Malta, 1979.

Joseph F. Grima: "Il-vara tat-Tradiment ta' Ġuda, l-importanza tagħha ikonografika, *Bejnietna*, Għadd 57, Għid il-Kbir, 1992.

Carmel Galea Scannura: *Il-Ġimgħa Mqaddsa f'Bormla*, Pubblikazzjoni Kolleġġjata ta' Bormla 1998.

Joseph F. Grima: *Minn Ġrajjiet Parroċċa Maltija; San Ġorġ ta' Ħal Qormi, ċa 1400-2003*, Malta, 2003.

Mons. Dun Ġwann Dimech: *Ħal Balzan Ġrajjietu sal-1999*, Kunsill Lokali Balzan, Malta, 2004.